**TAL-PIETA`**

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 26

It Tlieta, 24 ta' Awwissu, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fit-3.30 p.m.

Is-Sindku, Keith Tanti ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti is-Sindku, Keith Tanti, il-Vici Sindku Zoya Attard u l-Kunsillieri Josef Fitzpatrick u Mark Pisani.

Il-Kunsillieri Anthony Camilleri informa li kien ma jiflahx u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

***1.1*** Il-minuti tas-Seduta Nru. 25 li saret nhar it-Tlieta, 27 ta' Lulju, 2021, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

***2.1*** Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand il-Kunsillier Anthony Camilleri li nforma li kien ma jiflahx (Appendici A). Huwa gie skuzat.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***3.1*** ***Tender ghal Cafeteria fi Pjazza San Luqa***.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-avviz ghal dan it-tender kien hareg u d-data tal-gheluq hija l-24 ta' Settembru.

## 4 KORRISPONDENZA

***4.1*** Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

## 5 MISTOQSIJIET

***5.1*** Il-Kunsillier Pisani talab biex tinzabar il-bouganvilla li hemm hdejn l-Appogg minhabba li z-zkuk bix-xewk taghha qed jigu ghal fuq il-bankina.

***5.2*** Il-Kunsillier Pisani gibed l-attenzjoni wkoll sabiex isir it-tarmac fejn kien hemm il-problema fid-drenagg fi Triq Santa Monika. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan ser isir minn IM fil-granet li gejjin.

***5.3*** Il-Kunsillier Pisani staqsa wkoll jekk id-dawl li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja jistax jigi jixghel mad-dawl tal-Gvern. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien se jiccekja dwar dan.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***6.1*** Is-Sindku qal li kellu laqgha mal-Ghaqda tad-Dghajjes fejn gie propost li jsir mudell ta' kajjiek f'xi post ix-xatt. Gie suggerit li dan isir fit-traffic island li hemm fi Triq ix-Xatt qabel ir-roundabout tal-gabbana. Dan ghandu jsir permezz tal-fondi tad-DPF. Il-Kunsillier Pisani qal li l-Kunsill, flimkien mal-perit ghandu jara li jsir f'post li filwaqt li jkun fl-ahjar post biex jidher, ma jkunx ta ostaklu ghal vizwal tal-karozzi.

***6.2*** Is-Sindku informa li hargu skema 8 u 10 tar-Regjun Centru. Skema 8 kienet ghal ghajnuna ghall-ghaqdiet fil-lokalitajiet u l-Kunsill applika sabiex jinxtraw xi bins ghan-

nursery tal-football filwaqt li skema 10 kienet ghal Progett fil-komunita` li se jintuzaw biex inbidlu zewg belisha beacon lights fi Pjazza San Luqa. Kienet harget ukoll skema nru 6 ghal Avvenimenti Socjo kulturali izda peress li ma setghux isiru avvenimenti minhabba l-pandemija, il-Kunsill ser jitlob sabiex jigu koperti spejjez relatati man-nicca ta' Triq id-Duluri li fih innifsu huwa progett socjo kulturali. Kien hemm qbil dwar dan.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***7.1*** Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 25. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 8. TMIEM

***8.1*** Fl-4.15pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 28 ta' Settembru, 2021, fit-3.30pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Keith Tanti
Sindku